MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1306/2001/1

***Progress Press Company Limited***

***vs***

***Sliema plc, u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2002, it-Tribunal jordna l-korrezzjoni ta' l-isem tas-socjeta' konvenuta fis-sens li kull fejn jirrikorri l-isem "Sliema plc", jigi mibdul b' "SWFC Limited"***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) rappresentanti hlas ghal servizzi ta' "jobbing" li sar fuq ordni u inkarigu tas-socjeta' konvenuta.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tas-26 ta' Jannar 2001, u bl-imghaxijiet mid-data ta' kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota ta’ Robert Arrigo ipprezentata fit-3 ta’ April 2002, kif ukoll dik ipprezentata fil-5 ta’ Settembru 2002, li permezz taghhom huwa ddikjara li ghalkemm gie notifikat bl-avviz tat-talba, huwa ma jokkupa l-ebda kariga f’socjeta’ bl-isem Sliema plc u lanqas ghandu sehem f’tali socjeta’.

Ra d-digriet tat-3 ta’ Ottubru 2002, li permezz tieghu l-isem tas-socjeta’ konvenuta gie korrett minn “Sliema plc”, ghal SWFC Limited”.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta pprezentata fis-6 ta’ Novembru 2002, li permezz taghha hija eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici u dana peress illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili.

Ra r-rikors ipprezentat mis-socjeta’ konvenuta fejn hija talbet l-awtorizazzjoni sabiex tressaq eccezzjoni ulterjuri, liema talba giet milqugha permezz ta’ digriet tal-24 ta’ Marzu 2003.

Ra l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mis-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit illi s-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda rapport guridiku mas-socjeta’ attrici u dana peress illi qatt ma ordnat xi xoghol jew “jobbing” minghand is-socjeta’ attrici.

Sema' x-xhieda ta’ Rose Borg, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, ta’ Donald Dalli, u ta’ l-avukat Dr. Simon Tortell ghas-socjeta’ konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ d-Dokumenti PP1, konsistenti f’invoice mahruga mis-socjeta’ attrici favur is-socjeta’ konvenuta u tad-Dokument A anness ma’ l-avviz.

Ikkunsidra:

Illi l-ewwelnett jigi rilevat illi s-socjeta’ konvenuta ma ressqet l-ebda eccezzjoni fil-mertu, izda biss

eccezzjonijiet ta’ natura legali u cioe’ dik tal-preskrizzjoni u l-ohra tan-nuqqas ta’ relazzjoni guridika bejn l-kontendenti.

**A. <u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta’ l-artikolu 2149 [c] tal-</u>**
**<u>Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta</u>.**

Illi dana l-artikolu tal-ligi jikkontempla l-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni b’eghluq ta’ sentejn u dana fir-rigward ta’ dawk l-azzjonijiet spettanti lill-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitett u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez  li jkunu ghamlu.

Illi s-servizz illi ghalih s-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas hija xoghol ta’ stampar ta’ rivista  imsejjha Blue Review, liema xoghol ta’ stampar jidher illi huwa l-generu ta’ negozju li thaddan is-socjeta’ attrici. Dan ix-xoghol ta’ stampar sar f’Marzu 1999, u s-socjeta’ attrici harrget kont favur is-socjeta’ konvenuta u cioe’ favur SWFC Limited, kif jirrizulta mid-Dokument PP1, epprezentat mix-xhud Rose Borg fil-kors tax-xhieda taghha. Wara din l-ordni, s-socjeta’ attrici baqghet tibghat *reminders* kull xahar lis-socjeta’ konvenuta ghal pagament, liema kontijiet kienu jintbaghtu gewwa l-Plaza Commercial Centre f’tas-Sliema.

Illi l-artikolu tal-ligi invokat mis-socjeta’ konvenuta hija marbuta mal-hlasijiet ta’ drittijiet u spejjez lil nies li jezercitaw xi professjoni jew arti liberali. Illi illum professjoni mhijiex ristretta ghall-periti, tobba u avukati, izda l-lista kull ma tmur tikber u tirreferi f’dan il-kuntest ghal kull vokazzjoni jew sejha abbinata ma’ kors ta’ studju, bhal per ezempju gurnalista, *graphic designer*, fotografu, *film producer*, *advertiser*, *interior decorator*, ecc … li kollha ma tistax taghmilhom minghajr il-kwalifiki necessarji. Illi n-natura tan-negozju mertu ta’ din il-kawza ma jaqa’ taht l-ebda wahda minn dawn il-kapijiet, stante illi hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq servizz ta’ stampar ta’ rivista. Inoltre t-talba ghal hlas ma tirreferix ghal hlas ta’ drittijiet f’dan il-kaz, izda ghall-ammont dovut in

konnessjoni ma' *invoice* mahruga mis-socjeta' attrici u ghalhekk abbazi ta' ftehim bejn il-partijiet. Illi ghalhekk din id-disposizzjoni tal-ligi ma tsitax tapplika ghal kaz in dizamina u dana anke fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati taghna. (ara sentenza Qorti ta' l-Appell Vol.XL.i.166 – *Ruggiero Cali' vs Arkitett Georeg Galea* deciza 11 ta' Mejju 1956). Illi ghalhekk is-servizz provdut huwa semplicement transazzjoni kummercjali li jaqa' bil-preskrizzjoni tal-hames snin.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**B. L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika.**

Illi mix-xhieda prodotta mis-socjeta' konvenuta gie allegat illi s-socjeta' konvenuta illum ma ghadhiex tezisti. Jidher illi l-ghan illi ghaliha kienet twaqqfet din is-socjeta' kienet sabiex tiehu f'idejha t-tmexxija tal-club tal-futbol tas-Sliema Wanderers. Kien hemm ukoll pjanijiet illi tibda tinhareg rivista msejjha "Blue Review". Izda peress illi fi Frar 1999, din l-ideja sfaxxat, allura s-socjeta' konvenuta tikkontendi illi qatt ma kienet responsabbli ghal publikazzjoni ta' din ir-rivista. Donald Dalli li kien jokkupa l-kariga ta' *Sales and Marketing Executive* fi hdan is-socjeta' jghid illi kien certu Charles Zammit li kien jiehu hsieb il-hrug tar-rivista peress illi huwa kien il-persuna responsabbli ghat-tmexxija tal-club. Ix-xhud jikkontendi illi s-socjeta' konvenuta qatt ma ghamlet l-ebda ordni ghal publikazzjoni ta' din ir-rivista liema publikazzjoni kienet dejjem f'idejn il-club, kif imexxi mill-Kumitat tieghu. Ghalkemm kienu saru xi inkontri bejn is-socjeta' u l-club sabiex din tibda tiehu hsieb il-publikazzjoni tar-rivista, izda dan qatt ma sehh. Illi inoltre x-xhud Donald Dalli jikkontendi illi mir-*records* tal-kumpanija ma jirrizultax illi qatt saret xi interpellazzjoni lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas l-ammont mertu ta' din il-kawza.

Dana gie wkoll ikkonfermat fix-xhieda ta' l-avukat Dr. Simon Tortell li kien wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta. Huwa jishaq illi s-socjeta' konvenuta waqqfet topera f'Dicembru 1998 u ghalhekk wara tali data ma setghet saret l-ebda ordni mis-socjeta' konvenuta kif indikat mis-socjeta' attrici. Huwa jikkontendi illi ghalhekk jekk saret xi rodni din setghet saret biss mill-club tal-futbol tas-Sliema Wanderers, li hija entita kompletament separata mis-socjeta' konvenuta. Illi madanakollu bejn Gunju 1998 u Dicembru 1998, l-kumpanija konvenuta kienet qed tiehu hsieb il-gestjoni tal-club bl-ghan ahhari illi hija tassorbi s-Sliema Wanderers Football Club, izda l-ordni qatt ma saret mis-socjeta' konvenuta.

Illi l-provi prodotti in sostenn ta' din l-eccezzjoni huma piuttost skarsi minn dettalji dwar l-esistenza o meno tas-socjeta' konvenuta u l-operazzoni taghha ghal perijodu qasir li jidher li kienet qed topera. Fl-ewwel lok ma huwiex car jekk din is-socjeta' illum ghadhiex tezisti jew jekk gietx likwidata. Lanqas ma huwa car x'kienu l-operazzjonijiet tas-socjeta' ghal perijodu qasir li damet fuq saqajha, ghalkemm jidher illi kienet qed tiehu hsieb it-tmexxija tal-club tal-futbol.  Fatt huwa madanakollu illi s-Sliema Wanderers Football Club jidher li dejjem kien u baqa' jezisti bhala entita' separata u dana peress illi s-socjeta' konvenuta qatt ma wasslet biex thaddem il-pjanijiet u l-ghanijiet illi ghaliha giet imwaqqfa.

Illi anke min-naha tas-socjeta' attrici, d-dokumenti u l-provi minnha esebiti huma wkoll dubbjuzi u dana peress illi min-naha taghha kien hemm certu tittubanza li min kellu jintbaghat il-kont ghax-xogholijiet mertu ta' din il-kawza. Mid-Dokument A anness ma' l-avviz jidher illi l-klijent tas-socjeta' attrici kien is-Sliema Wanderers Football Club u dana sa mid-19 ta' Awissu 1993, id-data indikata meta nfetah il-kont. Jidher ukoll illi l-ahhar kont li inhareg favur il-Club kien proprju dak mertu tal-kawza tat-12 ta' Marzu 1999. Illi ghalhekk mill-kotba tal-kumpanija, jidher illi l-klijent li favur tieghu kienu qed jinharrgu il-kontijiet kien il-Club, ghalkemm fuq it-tieni pagna ta' dan id-Dokument, l-isem jidher li gie ngassat bl-inka u mibdul f' JJ Sliema plc., socjeta' li jidher li ma tezistiex. Illi dan id-Dokument jidher

illi hareg mill-kotba tal-kumpanija attrici fl-4 ta' Dicembru 2000, x'aktarx *print out* mir-*records* mizmuma fil-*computer*, qabel ma nbdew il-proceduri legali ghal hlas tal-ammont dovut. (ittra bonarja intbaghtet fis-26 ta'Jannar 2001).

Illi ghalhekk, imbaghad, huwa stramb kif l-*invoice* esibita mix-xhud Rose Borg fix-xhieda taghha f'daqqa wahda tindika illi l-kont inhareg lis-socjeta' SWFC Limited fl-indirizz gewwa il-Plaza Centre f'Tas-Sliema, li huwa issa indikat bhala "the customer", meta mill-atti processwali jidher illi s-socjeta' attrici saret taf b'dan matul il-mori ta' din il-kawza! Wiehed jistaqsi, ghaliex ma gietx intavolata il-kawza fil-bidunett taghha kontra is-socjeta' SWFC Limited gialdarba l-*invoice* kienet tindika lilha bhala l-klijent u kif allura Rose Borg issostni illi dejjem kienu jintbaghtu *reminders* lil din is-socjeta' fl-indirizz ta' l-ufficcju taghha gewwa l-Plaza, f'tas-Sliema?

Illi ghalhekk jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-klijent tas-socjeta' attrici kien u baqa' s-Sliema Wanderers Football Club u t-trattativi dejjem kienu jsiru ma' l-istess, tant illi jidher illi s-socjeta' attrici lanqas biss kienet taf dwar l-esistenza tal-kumpanija konvenuta. Ma jirrizultax mix-xhieda prodotta illi kienu saru xi trattativi direttament bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta ghal publikazzjoni ta' din ir-rivista. L-arrangament li kien hemm bejn is-socjeta' konvenuta u l-Club kien biss arrangament intern ta' bejniethom rigward it-tmexxija ta' dan il-Club, izda l-Club jidher li baqa' jezisti bhala entita' separata mis-socjeta' konvenuta li miz-zewg xhieda prodotti jirrizulta illi qatt ma wasslet biex tassorbixxi l-istess. Jidher anzi illi t-trattativi ghall-publikazzjoni tar-rivista kienu dejjem isiru ma' certu Charles Zammit li kellu f'idejh it-tmexxija tas-Sliema Wanderers Football Club.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta' konvenuta tidher illi hija wahda gustifikata u ghalhekk ser tigi milqugha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta u jiddikjara illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta. Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------